**17 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Cammileri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Mary Mallia *et*

*versus*

Joseph Galea *et*

**Serviġi - Kumpens - Preskrizzjoni**

*Il-Qorti ta' l-Appell ma tistax tikkondividi l-fehma espressa fis-sentenza appellata li f'dan il-każ ma saritx prova ta' l-interruzzjoni tad-debitu; infatti r-rikonoxximent tal-kreditu ta' l-atturi da parti tad-decujus Emanuel Galea ma kienx xi wieħed sporadiku iżda kien wieħed li kontinwament kien jiġi mtenni u ripetut.*

Il-Qorti:-

Fis-17 ta' Diċembru, 1992 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat din is-sentenza:

Rat iċ-ċitazzjoni li tgħid hekk:

(1) Billi l-atturi għal diversi snin irrendew serviġi u prestazzjoni oħra lil Emanuel Galea li miet fit-2 ta' Settembru, 1982 skond ċertifikat hawn unit Dok. A;

(2) Billi l-istess Emanuel Galea b'testment tiegħu tat-18 ta' Diċembru, 1956 istitwixxa bħala werrieta tal-ġid tiegħu lil ħuh Andrew Galea, ġuvni, fi kwota ta' kwart indiviż u lil ħuh Edward Galea, fi kwota ta' kwart indiviż u fi kwota indiviż ieħor lil ħutu Ġiuditta armla ta' Joseph Magri, Ġeorgina mart Agostino Mallia u Maria Carmela mart Francis Tabone, liema eredi kollha mietu qabel it-testatur, u illum il-konvenuti flimkien ma' l-istess atturi huma eredi fi kwoti li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża tal-ġid ta' l-istess Emanuel Galea u dawn fil-kapaċita' tagħhom ta' ulied l-eredi fuq imsemmija;

(3) Billi l-istess atturi u partikolarment l-attriċi Mary Mallia biex irrendiet is-serviġi u prestazzjonijiet fuq imsemmija kellha titlaq mill-impjieg regolari tagħha ta' *Nurse* mad-Dipartiment tas-Saħħa, biex tkun tista' tiddedika ruħha *full time* għall-bżonnijiet tal-mejjet Emanuel Galea u bħala riżultat tilfet introjti kbar konsistenti f'telf ta' paga, *overtime*, *bonuses*, filwaqt li l-attriċi l-oħra Carmela Mallia iddedikat ruħha bħala "seftura u koka" *full time* mal-mejjet Emanuel Galea, għal liema serviġi u prestazzjonijiet l-atturi qatt ma ġew ikkompensati għalkemm l-istess Emanuel Galea kien jiddikjara li ser jikkompensahom;

(4) Billi l-konvenuti għalkemm interpellati naqsu jikkompensaw lill-atturi b'mod xieraq u ġust għal serviġi u prestazzjonijiet minnhom reżi;

Jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhomx, fil-kapaċita tagħhom ta' eredi tal-mejjet Emanuel Galea, jiġu kkundannati minn din l-Onorabbli Qorti jħallsu lill-atturi dik is-somma li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, bħala kumpens għal serviġi u prestazzjonijiet reżi mill-atturi lill-mejjet Emanuel Galea;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Ottubru, 1982 u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza kontra l-konvenuti li huma mħarrka għas-subizzjoni;

Rat l-eċċezzjonijiet ta' Carmelo Magri;

(1) illi huwa ma jopponix għat-talbiet attriċi u qatt ma oppona;

(2) illi għalhekk m'għandux ibati spejjeż ta' din il-kawża;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Mary, mart Francis Cutajar, Raphela mart William Grixti u Paul Tabone;

Illi in linea preliminari, huma qatt ma kellhom l-assi ta' Emanuel Galea f'idejhom, qatt ma ndaħlu fl-istess assi u l-anqas jafu x'inhi l-konsistenza ta' dawn l-assi u għalhekk għadhom ma ddeċidewx jekk jaċċetawx l-eredita` ta' l-istess Emanuel Galea, sempliċement jew bil-benefiċċju ta' l-inventarju, jew jirrinunzjawx għall-istess eredita`;

Illi, fil-meritu, stante n-natura ta' l-ewwel eċċezzjoni u bla *preġudizzju ta' l-istess, l-eċċipjenti jirriservaw li jagħtu l-*eċċezzjonijiet li jidhrilhom opportuni fi stadju ieħor tal-ġudizzju;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Galea, Paul Galea, Maria mart Joseph Overend, Anna mart Charles Farrugia u Concetta armla minn Edward Galea;

(1) Illi l-eċċipjenti jafu li l-attriċi Mary Mallia rrendiet serviġi minn Ottubru, 1979 sat-2 ta' Settembru, 1982 lil Emanuel Galea u ta' dawn lesti li jikkompensawha;

*(2) Illi l-eċċipjenti jirriġettaw it-talba ta'* Carmela Mallia bħala fondata fid-dritt u fil-fatt;

(3) Illi Mary Mallia, li għamlet żmien prokuratriċi ġenerali ta' Emanuel Galea, għalkemm poġġiet għad-disposizzjoni ta' l-eċċipjenti dokumenti u riċevuti tal-flejjes amministati minnha, għadha ma tatx rendikont sħiħ ta' l-operat tagħha;

(4) U, ulterjorment, li l-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

Rat l-atti l-oħrajn illi;

*Omissis*;

Għall-motivi premessi:

(a) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenuti Joseph Galea, Paul, Galea, Maria Overend, Anna Farrugia

u Concetta Galea bl-ispejjeż kontra dawn il-konvenuti;

(b) Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha;

(ċ) Tilqa' t-talbiet attriċi u tillikwida l-kumpens għas-serviġi u prestazzjonijiet reżi lil Emanuel Galea fis-somma ta' tlettax-il elf u erba' mitt lira Maltija (Lm13,400) favur l-attriċi Mary Mallia u ħamest elef, seba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm5,750) favur l-attriċi Carmela Mallia, u tikkundanna lill-konvenuti Joseph Galea, Paul Galea, Mary Overend u Anna Farrugia jħallsu dawn l-ammonti fil-proporzjon ta' tliet partijiet minn sittax ($^3/_{16}$) kull wieħed, u lill-konvenuta Concetta Galea fil-proporzjon ta' kwart ($^1/_4$) u dan flimkien ma' l-imgħax legali mil-lum sal-ħlas effettiv;

(d) tiċħad l-istess talbiet fil-konfront tal-konvenuti Mary Cutajar, Raphela Grixti, Paul Tabone u Carmelo Magri;

Il-konvenuti Mary Cutajar, Raphela Grixti u Paul Tabone jħallsu l-ispejjeż proprji tal-ġudizzju;

L-ispejjeż l-oħrajn, mhux ġa' deċiżi, jitħallsu mill-konvenuti Joseph Galea, Paul Galea, Mary Overend, Anna Farrugia u Concetta Galea fl-istess proporzjon imsemmi fil-paragrafu (ċ) hawn fuq";

Il-konvenuti Joseph Galea, Paul Galea, Maria Overend, Anna Farrugia u Concetta Galea appellaw minn din is-sentenza. Huma ressqu erba' aggravji u ċjoe' li l-ewwel Onorabbli Qorti:

(i) ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti appellanti; (ii) xejn ma qieset, fil-likwidazzjoni tal-kumpens, il-flejjes li ffrankaw l-atturi billi kienu jgħixu ma' Emanuel

Galea u jieklu spejjeż tiegħu; (iii) xejn ukoll ma qieset il-fatt li l-attriċi Mary Mallia kellha f'idejha flus ta' Emanuel Galea li ma tatx rendikont għalihom; u (iv) illikwidat f'ammont esaġerat il-kumpens ta' l-attriċi Carmela Mallia meta, fil-fehma ta' l-esponenti, din ma kienx jistħoqqilha kumpens;

Dawn il-konvenuti appellanti talbu li din il-Qorti jogħġobha:

Tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Diċembru, 1992 billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u hekk tillikwida biss dawk is-serviġi li jirriżultaw dovuti skond l-ewwel eċċezzjoni tagħhom; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellati;

L-atturi appellati, fir-risposta tagħhom issottomettew li s-sentenza appellata kienet ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

L-atturi qegħdin jitolbu kumpens għas-serviġi li rrendew lil zijuhom matern Emanuel Galea għal ħdax-il sena ċirka qabel il-mewt tiegħu, li seħħet fit-2 ta' Settembru, 1982;

L-appellanti kkontestaw din il-pretensjoni ta' l-atturi billi eċċepew illi:

(i) huma jafu li l-attriċi Mary Mallia rrendiet serviġi lil Emanuel Galea minn Ottubru 1979 sat-2 ta' Settembru, 1982 u ta' dawn lesti li jikkompensawha; (ii) jiċħdu t-talba ta' l-attriċi Carmela Mallia bħala infondata fil-fatt u fid-dritt; (iii) l-imsemmija Mary Mallia għamlet żmien prokuratriċi ġenerali ta' Emanuel Galea u baqgħet ma tatx rendikont ta' l-operat tagħha; u, ulterjorment, (iv)

li l-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta skond l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili;

Is-sentenza appellata ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti appellanti, u ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha, u laqgħet it-talbiet ta' l-atturi billi llikwidat il-kumpens dovut lill-attriċi Mary Mallia fis-somma ta' tlettax-il elf u erba' mitt lira (Lm13,400) u dak dovut lill-attriċi Mary Mallia fis-somma ta' ħamest elef, seba' mija u ħamsin lira (Lm5,750) bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza, u kkundannat lill-konvenuti jħallsu dawn l-ammonti: Joseph Galea, Paul Galea, Maria Overend u Anna Farrugia fis-sehem ta' tliet partijiet minn sittax ($^3/_{16}$) kull wieħed u waħda, u *Concetta Galea fis-sehem ta' parti waħda minn erbgħa* ($^1/_4$);

L-apellanti eċċepew il-preskrizzjoni kwinkwennali skond l-artikolu 5156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Il-provi miġbura fil-proċess juru li f'diversi okkażjonijiet matul il-perijodu kollu li l-atturi damu jaqdu lid-decujus, dan kien jgħid lill-atturi, u anke lil ħaddieħor, diskors fis-sens li kellu l-ħsieb jikkompensa lill-atturi;

Infatti, **<u>l-attriċi Mary Mallia</u>** xehdet hekk:

"Aħna qatt ma ġejna kkompensati ta' dak li għamilna maz-ziju *għalkemm dejjem kien wegħdna, anke* quddiem ix-xhieda li kien sejjer iħallasna ta' dak li għamilna miegħu" (fol. 207);

**<u>L-attriċi l-oħra Carmen Mallia</u>** xehdet:

"Iz-ziju kien dejjem iwegħdna li kien ser iħallasna kollox bħala kumpens. Dejjem jgħid: "Kull ma hawn tagħkom" (fol. 211);

**Paul Vella Haber** xehed (a fol. 222):

"Il-mejjet Manwel Galea qatt ma qalli li lill-atturi kien itihom xi kumpens, pero` fil-verita` jien qatt ma saqsejtu. Kien jgħid biss li kull ma kien hemm kien tagħhom u b'dan jiena kont nifhem li hu kien ser iħallilhom kollox ...."

A fol. 223 xehed li:

Il-kliem "kull ma hawn hawn ġew huwa tagħhom, il-mejjet qalhom diversi drabi";

Il-konsulent legali tal-mejjet Emanuel Galea, **il-Prokuratur Legali, John Privitera**, xehed hekk (fol. 225 u 226):

"Dan Manwel baqa' klijent regolari tiegħi sakemm miet u kull diffikulta` li kien ikollu kien jibgħat għalija. Il-mejjet dejjem kien jgħid li l-atturi ma kellhomx għalfejn jikkonfondu għax kien ser jieħu ħsiebhom. Mid-diskors li kien jingħad, minnu kont nifhem li ser iħalli d-dar fejn kien joqgħod lill-atturi u l-*business* tal-ħanut lill-konvenut Joseph Galea";

Is-sentenza appellata tirritjeni li billi mill-proċess ma jirriżultawx id-dati meta d-decujus qal id-diskors imsemmi (li jindika l-intenzjoni li jikkompensa lill-atturi għas-serviġi li kienu qed jirrendulu) u billi lanqas jirriżulta meta kien l-aħħar li qal dan id-diskors, b'hekk ma jistax jiġi stabbilit li l-preskrizzjoni ġiet interrotta bl-ammissjoni tad-debitu;

Illi l-appellanti, filwaqt li qablu ma' din il-konklużjoni, ikkritikaw il-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti li dak il-kliem pero`,

kien jindika li d-decujus kellu intenzjoni li lill-atturi jikkompensahom wara mewtu, jiġifieri bit-testment tiegħu u li l-atturi setgħu jeżerċitaw l-azzjoni għall-kumpens mhux qabel id-data tal-mewt tiegħu, skond l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi din il-Qorti, bir-rispett kollu ma tistax tikkondividi l-fehma espressa fis-sentenza appellata li f'dan il-każ ma saritx prova tal-interuzzjoni tad-debitu. Huwa veru li fil-proċess m'hemmx id-dati speċifiċi meta d-decujus qal id-diskors fuq imsemmi. Iżda mis-siltiet tax-xhieda li ssemmew jidher ċar li dan id-diskors, id-decujus kien itennu jgħidu **dejjem** skond l-atturi, u skond il-P.L.Privitera, u "**diversi drabi**" skond Paul Vella Haber. Dan ifisser li r-rikonoxximent tal-kreditu ta' l-atturi da parti ta' Emanuel Galea ma kienx xi wieħed sporadiku iżda kien wieħed li kontinwament kien jiġi mtenni u ripetut;

Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha mogħtija fis-16 ta' Settembru, 1994 fil-kawża fl-ismijiet: **Carmelina Vella *et vs* Anthony Borg *noe et*** ikkunsidrat hekk:

"Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa' interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tiegħu u li kontra tiegħu tkun bdiet timxi l-preskrizzjoni. Huwa risaput ukoll li fil-każ li t-termini tal-preskrizzjoni jkun diġa' ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali għal rinunzja għall-effetti tal-preskrizzjoni. Għandu jingħad ukoll illi l-interuzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja għall-preskrizzjoni, javverraw fuqhom ukoll meta ir-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu";

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li r-rikonoxximent da parti ta' Emanuel Galea tad-debitu fuqu favur l-atturi kien wieħed kontinwu

u għalhekk ma jistax jonqos li sar ukoll matul il-perijodu ta' anqas minn ħames snin qabel ġiet intavolata l-odjerna kawża. B'hekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-appellanti ma tistax tintlaqa'. La darba l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni, ma hemm l-ebda utilita' li tiġi investigata l-kritika ta' l-appellanti kkontenuta fid-disa (9) paragrafu tal-petizzjoni tagħhom, billi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qiegħda tiġi miċħuda għal raġuni differenti minn dik mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti;

Illi l-appellanti llamentaw li s-sentenza appellata ma qieset bl-ebda mod il-benefiċċju li l-atturi ġa' rċevew matul il-ħajja ta' Emanuel Galea. L-appellanti jsostnu illi fil-likwidazzjoni li saret, kien ġust u xieraq li jittieħed in konsiderazzjoni li l-atturi ffrankaw spejjeż ta' ikel, kera, dawl u ilma u manutenzjoni għaliex diversament l-atturi jingħataw benefiċċju doppju;

Illli dina l-kritika għas-sentenza appellata ma tistax ġustament tintlaqa';

Fin-nota ta'osservazzjonijiet a fol. 278 *et seq* tal-proċess, l-appellanti ppropone w li jsir tnaqqis ta' Lm800 kull sena mill-ammont totali likwidat. Din il-proposta hija insostenibbli, għaliex, kif sewwa rrimarkat l-ewwel Onorabbli Qorti, ir-rabta bejn il-mejjet u l-atturi u l-assidwita' tas-servizzi reżi minnhom kien ġust li jiġu kkompensati bil-godiment gratuwitu ta' l-ikel, konsum ta' dawl u ilma. Irid jiġi enfasizzat li l-atturi kienu disponibbli li jservu lill-mejjet u jduru bih, fil-bżonnijiet kollha tiegħu - liema bżonnijiet aktar saru gravużi aktar ma kiber fiż-żmien u aktar ma saħħtu bdiet tmur lura - bi nhar u bil-lejl. Din l-Qorti rradikat il-fehma illi l-ammont likwidat fis-sentenza appellata huwa pjuttost konservattiv proprju għaliex l-ewwel Onorabbli Qorti x'aktarx ħadet in

konsiderazzjoni li l-atturi ffrankaw xi spejjeż ta' ikel u alloġġ nonostante li kkonstatat li Emanuel Galea f'ħajtu ma kkompensax lill-atturi għas-servizzi intensi li rċieva minn għandhom;

L-appellanti esponew dan il-lament tagħhom b'dan il-mod:

"Matul il-ħajja ta' Emanuel Galea, Mary Mallia kienet prokuratriċi tiegħu u kellha flus tiegħu f'idejha. *L-ewwel Qorti qalet* li "din il-kwistjoni (in-nuqqas tagħha li tagħti rendikont ta' l-amministrazzjoni) ma taffettwax l-azzjoni preżenti għall-ħlas tal-kumpens tas-servizzi". L-esponenti jissottomettu, bl-istess argument miġjub fil-paragrafu ta' qabel dan, li l-atturi ma għandhomx jieħdu benefiċċju doppju, u minn kull ammont li jista' jirriżulta dovut bħala kumpens għandu jitnaqqas dak li ġa' rċevew matul il-ħajja ta' Emanuel Galea. Biex jista' jkun likwidat l-ammont nett dovut l-attriċi Mary Galea għandha tagħti kont ta' l-amministrazzjoni sabiex jiġi determinat kemm intefqu flus ta' Emanuel Galea fl-interess u għall-benefiċċju ta' l-atturi";

Illi dana l-aggravju lanqas ma jista' jintlaqa' billi diġa` ġie deċiż li kienet ħaġa ġusta li Emanuel Galea *jiżborżja xi spejjeż* konnessi ma' l-ikel u l-alloġġ ta' l-atturi li kienu jduru bih bil-lejl u bi nhar. Il-kwantum ta' dawn l-ispejjeż ma hux neċessarju li jiġi determinat hawn billi l-likwidazzjoni li saret, neċessarjament kienet waħda approssimattiva, u bbażata fuq eżerċizzju ta' diskrezzjoni *arbitrio boni viri*. Li kieku kellha ssir kalkolazzjoni matematika, pjuttost preċiża, li tieħu in konsiderazzjoni x-xogħol kollu li jiġi reż ta' erba' u għoxrin siegħa kuljum, kieku l-ammont li jiġi likwidat kien ikun ferm u ferm akbar minn dak li ġie likwidat. Dana l-ammont, fiċ-ċirkostanzi, huwa wieħed ġust proprju għaliex jinsab bilanċjat minn xi benefiċċju anċillari li ġustament gawdew iż-żewġ

atturi matul il-perijodu kollu, li fih amministraw serviġi lil Emanuel Galea;

L-appellanti qed isostnu li l-ammont likwidat lil din l-attriċi kien wieħed esaġerat meta tqis dak li għamlet;

L-appellanti spjegaw dan l-aggravju tagħhom hekk:

"Fil-fehma ta' l-esponenti, ta' kull ma setgħet għamlet kienet ampjament ikkompensata bil-fatt li kienet tgħix fid-dar ta' Emanuel Galea bl-ispejjeż kollha mħallsa u ma kienx jonqosha xejn għax kien kollox ipprovdut minn flus l-istess Emanuel Galea. Matul iż-żmien kollu li damet tgħix fid-dar ta' Emanuel Galea hija kienet qiegħda tiffranka l-konsum ta' flusha stess, u huwa xieraq li dan il-fatt jitqies fil-likwidazzjoni ta' dak li jista' jkun dovut lilha";

Fid-dawl tal-provi akkwiżiti fil-proċess, u fid-dawl tal-kumment ta' din il-Qorti, fir-rigward ta' l-aggravju preċedenti, dana l-aggravju wkoll ma huwiex wieħed ġustifikat, u din il-Qorti ma tarax l-ebda neċessita' li tiddisturba l-ammont ta' kumpens likwidat lill-attriċi Carmela Mallia mill-ewwel Onorabbli Qorti;

Illi fil-mori ta' l-appell mietet l-appellanti Concetta Galea u l-ġudizzju ġie trasfuż f'isem uliedha, l-appellanti l-oħra. B'hekk, illum, l-appellanti aħwa Galea għandhom, kull wieħed u waħda minnhom, kwota ta' kwart ($^1/_4$) indiviż tad-debitu in kwistjoni;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sens spjegat aktar 'l fuq u b'dana li l-ammonti likwidati f'dik is-sentenza

u l-imgħax relattiv hemm imsemmi, għandhom jitħallsu mill-appellanti *fil-proporzjon ta' kwart kull wieħed u waħda minnhom;*

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanzi jibqgħu kif deċiżi, waqt li dawk ta' dina l-istanza jitħallsu kollha mill-appellanti aħwa Galea.